MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 22/2002/1

**Il-Pulizija**
**vs**
**Dr. Noel Arrigo LL.D. u**
**Dr. Patrick Vella LL.D.**

Il-Qorti,

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Awissu, 2002 fil-kawza fl-ismijiet premessi illi fih jinghad:

“Rat l-akkuza li tghid:

‘li bhala ufficjali jew impiegati pubblici, u in konnessjoni mal-kariga jew impjieg taghhom ta’ Imhalfin tal-Qorti Superjuri ta’ Malta, ircevew u accettaw ghalihom jew ghal haddiehor, xi rigal jew weghdha jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utili iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huma ma kellhomx jedd, b’dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghdha jew ta’ l-offerta kien sabiex jonqsu li jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu u b’dan ukoll illi barra milli accettaw il-hlas, il-weghdha jew l-offerta, fil-fatt naqsu li jaghmlu dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu;

‘ircevew u accettaw xi offerta jew weghdha ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalihom infushom jew ghal haddiehor bil-ghan li jezercitaw xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddecidi xi ufficjal jew impiegat pubbliku;

‘bhala ufficjali jew impiegati pubblici, ikkomunikaw jew ippublikaw dokument jew fatt li gie fdat lilhom jew li kien gie maghruf minnhom minhabba l-kariga jew impieg taghhom, u illi kellu jibqa sigriet jew illi b’xi mod ghenu biex jigi maghruf;

‘barra minn dan, bhala ufficjali jew impiegati pubblici saru hatja ta’ reati li kellhom jissorveljaw biex ma jsirux jew minhabba l-kariga jew impieg taghhom ta’ Imhalfin tal-Qrati Superjuri ta’ Malta kellhom id-dmir li jimpedixxu milli jsiru’;

“Illi permezz ta’ verbal registrat fl-ewwel udjenza l-Avukati difensuri talbu lil dina l-Qorti, bhala Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-vesti ta’ Qorti Istruttorja, li taghmel riferenza kostituzzjonali lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) a tenur ta’ l-Artikolu 46 subartikolu 3 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 4 subartikolu 3 tal-Kapitolu 319 dwar kwistjoni li tista tigi sintetizzata bic-citazzjonijiet segwenti mill-appositi verbal ta’ l-Avukati difensuri, cjoè:

‘illi l-proceduri kriminali pendenti quddiem dina l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Istruttorja jiksru u qed jiksru jew x’aktarx jiksru d-drittijiet fundamentali [ta’ smiegh xieraq] gheluq zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u

imparzjali mwaqqfa bil-ligi u li bhala akkuzat[i] b'reati kriminali [ghandhom] jigu meqjuza li [jkunu] innocenti sakemm ma jigix pruvat mod iehor skond il-ligi, kif provdut u sancit bl-Artikolu 39(1) u 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, dana in vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-Onorevoli Prim Ministru Dottor Eddie Fenech Adami fl-1 ta' Awissu 2002 f'konferenza stampa msejjha minnu stess fejn wara li l-istess Prim Ministru ghamel riferenza ghas-sentenza *Repubblika ta' Malta - vs. - Mario Camilleri* fil-5 ta' Lulju 2002, iddikjara fost ohrajn, illi '*xi granet qabel is-sentenza ta' l-appell sar maghruf li kienu qeghdin isiru kuntatti ghan-nom ta' l-akkuzat* (referenza ghal Mario Camilleri) *ma' l-Imhallef Patrick Vella u l-Prim Imhallef Arrigo biex il-kundanna ta' habs titnaqaas b'erba' snin minn sittax ghal tnax-il sena u li dawn iz-zewg imhallfin kienu gew imwieghda somma ta' eluf ta' liri kull wiehed*' [u li] '*wara s-sentenza irrizulta li kienu thallsu liz-zewg imhallfin imsemmija* [liema] dikjarazzjoni tal-Prim Ministru waslet li tinkoragixxi l-pubbliku biex iqis lill-imputati hatja u dana kif jidher, fost ohrajn minn certi rapporti u kummenti fil-media dwar dan il-kaz fejn kompliet tigi leza l-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-imputat[i] u giet imminata l-awtorità u l-imparzjalità tal-gudikatura u l-fiducja li l-Qrati ghandhom igawdu mill-poplu', u oltre b'referenza ghad-dokumenti li gew esebiti u li referenza taghhom tirrizulta fil-verbal, li 'bil-mod kif l-awtoritajiet proprju meta kienu ghadhom ma gewx konkluzi l-interrogatorju u addirittura meta skond ammissjoni tal-Prim Ministru stess illi fil-mument li kien qed jaghti *press conference* l-imhallef Patrick Vella kien ghadu qed jigi interrrogat, iddikjaraw il-htija tieghu u di più gabu a konjizzjoni tal-pubbliku l-mozzjoni fuq imsemmija (b'referenza ghad-dokument DOI-2 - stqarrija ghall-istampa rilaxxjata mid-Direttur tal-Informazzjoni); [u li] dan sar mhux biss bil-ksur tal-ligi ordinarja izda wkoll tad-drittijiet kif imharsa mill-Konvenzjoni Ewropeja u l-Kostituzzjoni ta' Malta u din kif ghandu jirrizulta b'mod car lil din il-Qorti anke biss mid-dokumenti esebiti [u] illi konsegwenza ta' din is-sitwazzjoni giet precipitata f'dibattiti f'xi kwartieri tal-media proprju sal mument tal-lum stess fejn b'mod l-aktar car u

univoku qed jimputaw il-htija bl-assistenza passiva ta' l-awtoritajiet li b'mod li qatt ma jista' jkun li jkun hemm process gust u smigh xieraq u bil-kontaminazzjoni tar-regola tal-prezunzjoni ta' l-innocenza'.

"L-Avukat Generali irribatta li t-talba ghar-riferenza kostituzzjonali kienet frivola u vessatorja ghaliex nieqsa minn kull fondament ta' fatt u ta' ligi ghar-ragunijiet li jistghu jigu rikapitolati kif isegwi:

1. li l-istqarrijiet [*sic*] tal-Prim Ministru kienet wahda mehtiega biex isserrah mohh il-poplu u totalment priva minn xi illegalità jew abbuz;

2. li l-isqarrija bl-ebda mod ma ippregudikat u kienet biss elenku in succint ta' dak li rrizulta sa dak il-hin mill-pulizija u kien jiggustifika l-arrest taz-zewg Imhallfin;

3. li l-Prim Ministru kien attent fil-konferenza stampa biex jistieden lil kulhadd biex jistenna r-rizultat ta' l-investigazzjoni skond il-ligi;

4. li l-kaz hu wiehed li bilfors jissuxxita l-interess ta' l-istampa u jkollu kopertura vasta fil-media;

5. li l-argumenti tad-difiza jwasslu ghat-talba ta' immunità mill-ligijiet kriminali ghall-membri tal-gudikatura li jabbuzaw ghaliex bilfors akkuza kontra taghhom tissuxxita tali interess u f'kull kaz il-media kienet fl-assjem taghha ekwanima fir-rapportagg tal-kaz u hlief ghall-eccezzjonijiet zghar qaghdet attenta biex tirraporta l-fatti bhala allegati u tikkummenta dwar x'ikun il-kaz jekk jirrisultaw;

6. li r-rapportagg fil-gazzetti bl-ebda mod mhux ser jigi mistenni li jinflwixxi fuq il-Magistrat sedenti li ghandu biss il-kompitu biex jiddikjara jekk hemmx o meno evidenza bizzejjed biex tinhareg att ta' akkuza u mhux mistenni li r-rapportagg jista' jkollu influwenza fuq stadju ulterjuri fejn dan jinstema' quddiem gudikanti togati jew quddiem gurati li jkunu indirizzati tajjeb skond il-ligi biex jinjoraw kwalunkwe haga li jkunu setghew semghaw fuq il-kaz barra l-Qorti;

7. li f'kull kaz il-gurisprudenza dwar smigh xieraq thares lejn il-process fl-interezza tieghu u incidenti minimi li d-difiza tallega li saru qabel ma bdiet il-kumpilazzjoni ma jistghux iwasslu ghal process mhux gust jew xieraq fl-interezza tieghu;

8. li ghalhekk il-kwistjoni f'dan l-istadju hija oltre li frivola u vessatorja wkoll intempestiva;

9. li finalment ir-referenza mid-difiza ghal mozzjoni fil-Parlament u ghall-Artikolu 9(1) ta' l-Att 11 ta' l-1994 huwa kompletament irrilevanti u m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni; l-Artikolu jorbot biss lill *Speaker* tal-Parlament u mhux lill-proponenti tal-mozzjoni jew lill-persuna li ghaliha tirreferi l-mozzjoni.

"Semghet it-trattazzjoni orali ulterjuri;

"Rat ukoll id-dokumenti esebiti u l-atti l-ohra;

"Ikkonsidrat:

"Li fil-kors tat-trattazzjoni orali tqajjmu zewg punti li l-Qorti thoss li ghandha tindirizza, wkoll ma' xi punti li johorgu mill-verbal irregistrat, u dana qabel ma tghaddi ghall-fattur krucjali tar-riferenza li l-qorti tidentifikah fid-diskors adoperat mill-Prim Ministru fil-konferenza stampa fuq riferita;

"L-Avukat Generali issottometta, apparti l-intempestività, li n-nuqqas ta' ezistenza ta' 'kwistjoni' teskludi li ssir ir-riferenza stante li l-ezistenza ta' 'kwistjoni' hija *sine qua non* sabiex issir l-istess. L-Avukati difensuri kuntrarjament sostnew li mhux biss tezisti 'kwistjoni' izda li din il-Qorti f'kaz li ssib favur ir-riferenza ghandha tissoprasjedi sakemm il-kwistjoni tigi definita finalment mill-organi gudizzjarji kompetenti;

"Li din il-Qorti tifhem li 'kwistjoni' hija kull allegazzjoni ta' kull persuna li tallega li inkisru jew gew lezi, fattwalment jew potenzjalment, fil-konfront taghha xi disposizzjoni jew

disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni kontenuti fl-Artikolu 33 sa 45 (maghdudin). Tifhem ukoll li allegazzjoni ta' din ix-xorta tista' titqajjem f'kull stadju ta' kawza u li meta titqajjem quddiem kull qorti, li mhiex il-Prim' Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, dik il-Qorti ghandha l-obbligu li tirreferi l-kwistjoni lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili dana sakemm fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja. Izda mhux biss, ghaliex l-istess Artikolu 46 sub-artikolu 3 tal-Kostituzzjoni jkompli jisqarr li hija esklusivament l-istess Prim' Awla tal-Qorti Civili (bi dritt ta' appell lill-Qorti Kostituzzjonali) li tkun investita li taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha b'daqstant li dik il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-istess skond dik id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew okkorrendo l-Qorti ta' l-Appell Kostituzzjonali. U proprju minhabba f'hekk li l-Avukati difensuri sostnew li, jekk din il-Qorti fl-ezami taghha takkorda r-riferenza ghandha wkoll tissoprasjedi sad-decizjoni finali tal-Prim' Awla jew tal-Qorti ta' l-Appell Kostituzzjonali jew ukoll tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

"Illi dwar il-problematika koncernanti s-sopprasessjoni ghandu jkun pacifiku li ftit jew xejn hemm support ghaliha fis-sistema guridiku Malti. Jista', per ezempju, jissemma l-Artikolu 402 tal-Kap 9, li proprjament jispecifika l-istanzi ristretti fejn jitwaqqaf iz-zmien tal-kumpilazzjoni u fejn imkien m'hemm provdut li minhabba riferenza kostituzzjonali jieqaf iz-zmien tal-kumpilazzjoni. Mhux biss, izda, din il-qorti tazzarda li tghid li lanqas l-Artikolu 46 subartikolu 3 tal-Kostituzzjoni ma jirreferi ghas-soprasessjoni. L-artikolu jobbliga lill-qorti li taghmel ir-riferenza li '<u>tiddisponi</u> mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni';

"Fil-konsiderazzjoni ta' dan il-punt dwar is-soprasessjoni din il-qorti konxja li hemm dicta ta' l-istess Qorti Kostituzzjonali li timmilita favur is-soprasessjoni sakemm ikun hemm gudikat finali fuq il-kwistjoni riferita. Fuq il-kontrobilancja però nghad li 'lanqas tista' [l-Qorti Kostituzzjonali] tindahal, bla motiv gravi, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Board (riferibilment f'dak il-kaz ghall-Board li Jirregola l-Kera), dwar ghandux jew le jissoprassjedi;

ghaliex kieku dan is-sindakat jestendi ruhu indebitament, l-istess jigu paralizzati l-procedura u l-funzjonament tal-Board'; multo magis allura fil-konfront ta' Qorti tal-Magistrati fil-funzjonijiet taghha ta' Qorti Istruttorja fejn hi marbuta bi zmien tassattiv a tenur ta' l-Artikolu 401 tal-Kap 9, u, kif accennat, jistghu jitwaqfu biss minhabba dawk ic-cirkostanzi tassattivament indikati fl-Artikolu 402 tal-Kap 9 (ara sentenza kostituzzjonali fl-ismijiet *Cuschieri - vs - Onorevoli Prim Ministru* deciza fit-12 ta' Awissu 1994);

"Illi fuq kollox, u prescindendo mill-fatt jekk l-imsemmija artikoli tal-Kodici Kriminali humiex assoggettati ghall-Kostituzzjoni minhabba l-Artikolu 47 subartikolu 9 ta' l-istess (materja li tohrog barra il-parametri ta' kompetenza ta' din il-qorti), hu ta' importanza vitali li ma jsir xejn li jaghti lok jew li jista' b'xi mod jintralcja jew jipperverti l-kors tal-gustizzja. Anzi fis-sentenza citata fil-paragrafu ta' qabel, dik il-Qorti, fil-parti konklusiva tas-sentenza qalet li 'huwa car illi dik il-minaccja li avvertitet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell *Spiteri - v. - Sghendo* (deciza 9 ta' Mejju 1995) igifieri li s-soprasessjoni ghandha l-effett li tipparalizza totalment il-funzjonament tal-Qrati u ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja qieghdha tavvera ruhha. Difatti llum, bl-access li infetah ghall-proceduri quddiem l-organi gudizzjarji tad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem li nholqu bil-Konvenzjoni ghall-protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali, li ghandhom is-sede taghhom fi Strasbourg, is-sentenzi kollha ta' din il-Qorti, inkwantu kollha huma passibbli ta' ulterjuri ezami hemmhekk huma kollha soggetti ghal paralizi specjalment fil-fazi esekuttiva taghhom jekk din il-Qorti - skond is-sentenza appellata - jkollha tissoprassjedi, fil-kazijiet kollha fejn isir rikors ghal dawk l-organi';

"Dwar is-sottomissjoni sollevata mill-Avukati difensuri ta' parti, senjatament fejn intqal, 'li konsegwenza ta' din is-sitwazzjoni giet precipitata f'dibattiti f'xi kwartieri tal-media proprju sal mument tal-lum stess fejn b'mod l-aktar car u univoku qed jimputaw il-htija bl-assistenza passiva ta' l-Awtoritajiet b'mod li qatt ma jista' jkun li jkun hemm process gust u smigh xieraq u bil-kontaminazzjoni tar-

regola tal-prezunzjoni ta' l-innocenza' dina l-Qorti kull mhi ser tghid hu li d-dritt ta' libertà ta' espressjoni hija wkoll garantita u protetta bhala dritt fundamentali fil-Kostituzzjoni; kwindi taqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Generali fir-rigward. Naturalment id-dritt ma jestendix lil hemm mil-ligijiet tal-pajjiz li jirregolah jew mill-istess Kostituzzjoni;

"Illi ghalhekk jibqa sabiex il-qorti tezamina dak li hi ddefiniet bhala l-qofol tat-talba tar-riferenza fejn qieghed jigi sostnut li gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-imputati permezz tal-konferenza stampa ta' l-Onorevoli Prim Ministru. Fil-kuntest tal-imsemmija konferenza stampa, u ta' dak li hu imputat li qal il-Prim Ministru, il-Qorti hi tal-fehma li t-talba ghar-riferenza, mhiex 'semplicement frivola u/jew vessatorja' fit-termini tal-Artikolu 46 subartikolu 3 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 subparagrafu 3 tal-Kap 319. Hi l-fehma konsiderata taghha li t-tqanqil ta' din il-kwistjoni, sakemm tirrigwarda din il-konferenza stampa u dak imputat li ntqal, fid-dawl tas-salvagwardji ta' smigh xieraq kif delinejati mill-gurisprudenza nostrali u partikolarment mill-Qorti Ewropeja, mhix kwistjoni li hi **semplicement** (enfazi tal-qorti) frivola u/jew vessatorja; igifieri ma tistax, *prima facie*, titqies ta' ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjetà, manifestament nieqsa mis-sens li ma jisthoqqilhiex attenzjoni, u/jew, li giet sollevata minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti. Dan qieghed jinghad ukoll fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti Ewropeja li '*the presumption of innocence enshrined in Article 6(2) of the Convention is one of the elements of a fair criminal trial guaranteed by Article 6(1). It will be violated if a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved so according to law. It suffices, even in the absence of a formal finding, that there is some reasoning to suggest that the offiicial regards the accused as guilty. Moreover, the presumption of innocence may be infringed not only by a judge or court but also by other public authorities* (*Daktaras v Lithuania* no. 42095/98, para. 41-42, ECHR 2000-X). *In the above-mentioned Daktaras case the Court emphasised the importance of the choice*

*of words by public officials in their statements before a person has been tried and found guilty of an offence. Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made*', liema decizjoni fuq il-mertu tal-fatturi fuq imsemmija ovvjament mhumiex ta' kompetenza ta' din il-qorti izda li jissufragaw id-decizjoni taghha tal-lum li tikkonsidra t-talba ghar-riferenza u limitatament ghal daqshekk bhala li mhiex semplicement frivola u jew vessatorja;

"Ghaldaqstant u fil-waqt li qeghdha dina l-qorti tilqa it-talba ghar-riferenza limitatament kif spiegat fl-ahhar paragrafu qabel dan stante li mhiex semplicement frivola u/jew vessatorja, tiddikjara ghal kull bon fini bhala semplicement frivoli u vessatorji l-punti l-ohra kollha sollevati mid-difiza."

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol. 10 sa 12 tal-process illi permezz taghha ssottomettew:

"Illi jidher illi l-kwistjoni riferita lil dina l-Onorabbli Qorti hi limitata ghal li gej, u cioè jekk fil-kuntest ta' l-imsemmija konferenza stampa (dik mizmuma mill-Onorevoli Prim Ministru fl-1 ta' Awissu) u ta' dak li hu imputat li qal il-Prim Ministru, tiksirx id-dritt tal-imputati ghal smiegh xieraq kif garantit fl-artikoli 39(1) u 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6(1) u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea inkorporata fil-ligi Maltija bil-kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana ghaliex l-istess konferenza stampa skond id-difiza xejjnet il-prezunzjoni tal-innocenza garantita bl-istess kostituzzjoni u l-istess Konvenzjoni Ewropea;

"Illi kif irritenew l-esponenti quddiem il-Qorti Istruttorja din il-kwistjoni hi kemm frivola u vessatorja kif ukoll intempestiva kif jirrizulta mill-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll ewropea dwar il-kwistjoni u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tidderigi lill-Qorti Istruttorja fis-sens illi l-konferenza stampa moghtija mill-Onorevoli Prim Ministru ma tilledix id-dritt tal-imputati ghal smiegh

xieraq u mhux qieghed jew ser jigi lez id-dritt taghhom ghall-prezunzjoni tal-innocenza;

“Illi l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ghandha l-kompitu taghha llimitat biex tikkompila l-provi u biex tiddeciedi jekk jezistux provi *prima faciæ* biex l-imputati jitqieghdu taht att ta’ akkuza. Bl-ebda mod f’dan il-kompitu ma jista’ wiehed jimmagina li dik il-Qorti preseduta minn magistrat togat tista’ tigi influwenzata b’dak li seta’ qal il-Prim Ministru fil-konferenza stampa fl-ezercizzju tal-kompitu taghha;

“Illi ghalhekk f’dan l-istadju zgur li t-tqajjim tal-kwistjoni hu intempestiv, frivolu u vessatorju;

“Illi ghad mhux maghruf jew deciz x’direzzjoni ghandu jiehu l-kaz wara l-gheluq tal-kumpilazzjoni. Il-kaz jista’ jigi rinvjat quddiem il-Qorti tal-Magistrati preseduta minn gudikant togat bhala qorti ta’ gudikatura jew jista’ jsir Att ta’ Akkuza quddiem il-Qorti kriminali fejn b’ghazla ta’ l-akkuzat il-kaz jinstema b’gurija jew minghajra. Il-guri jkun f’kull kaz presedut u diregiet (*sic*) minn gudikant togat, li fil-kaz li jkun hemm gurija din tkun jindirizzha (*sic*) sewwa dwar dak li ghandha tiehu jew ma tiehux in konsiderazzjoni fil-formazzjoni tal-verdett taghha;

“Fuq il-verdett tal-gurija f’kaz ta’ sejbien ta’ htija hemm il-qorti ta’ l-Appell Kriminali li ghandha kull setgha issewwi kull zball kontra l-akkuzati li tista’ tikkommetti l-gurija;

“Illi fl-ebda mod il-konferenza stampa moghtija mill-Prim Ministru ma poggiet l-oneru tal-prova dwar il-htija ta’ l-imputat fuq l-istess imputati, lanqas jista jinghad illi b’xi mod tista tinfluwixxi fuq kull min ghandu jiggudika, sew jekk gudikant togat, sew ukoll jekk gurati indirizzati sew skond il-ligi. Fil-fatt l-Onorevoli Prim Ministru wara li spjega x’kien irrizulta lill-pulizija biex iserrah ras kulhadd illi l-arrest ta’ zewg gudikanti fosthom allura l-Prim Imhallef ma kien b’ebda mod abbuziv jew vessatorju, stieden lil kulhadd biex jistenna r-rizultat ta’ l-investigazzjoni skond il-ligi;

“Illi f’kull kaz il-gurisprudenza nostrana fil-kaz *Formosa vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija* (Qorti Kostituzzjonali per Cremona CJ Xuereb, Caruana Curran E. Magri u VR Sammut JJ, 16 ta’ April 1973), hi cara fis-sens illi wiehed ghandu jara jekk process hux gust jara l-process fl-interezza tieghu, u li l-Qorti fil-vesti taghhom kostituzzjonali dak li jridu jaraw hu jekk hemmx ksur tal-provvedimenti kostituzzjonali u mhux jekk kienx hemm xi nuqqas ta’ prudenza minn naha ta’ hadd;

“Illi dan hu rifless ukoll mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li nota taghha qed tigi annessa ma din ir-risposta. L-esponenti però jaghmlu referenza u emfasi ghal dak kwotat mill-ewwel Onorabbli Qorti [*sic*] mill-kaz *Dakkaras* [*sic*] *vs. Lithuania* (No 42095/98 ECHR 2000-X) u cioè

‘*Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made*’;

“Ghaldaqstant l-esponenti fil-waqt li jaghmlu referenza ghal dak minnhom ivverbalizzat in oppozizzjoni ghal ghemil tar-referenza (riprodotti fid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati referendi) jissottomettu bir-rispett illi mhu qed jigru [*sic*] u lanqas aktarx ser jigu lezi xi drittijiet ta’ l-imputati, u li din l-Onorabbli Qorti hekk ghandha tidderiegi biex tiddeciedi il-Qorti tal-Magistrati”;

Rat is-sentenza ta’ l-erbgha (4) ta’ Dicembru, 2002 illi permezz taghha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:

“Tiddeciedi billi tiddikjara li d-drittijiet fundamentali tal-imputati ma gewx lezi u ghalhekk tidderiegi lill-Qorti tal-Magistrati li ghamlet din ir-referenza biex tissokta, skond il-ligi, bil-proceduri li qed isiru quddiema.

“In vista tan-natura specjali tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.”

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"**Id-digriet ta' referenza**

"Quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, fil-kors tal-kumpilazzjoni tal-provi kontra l-imputati fil-kawza fl-ismijiet fuq indikati, l-istess imputati allegaw li fil-konfront taghhom kienet saret vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-imsemmija Qorti tal-Magistrati rreferiet din il-kwestjoni, kif sollevata mill-imputati, lill din il-Qorti skond il-ligi. Id-digriet relattiv hu dak imsemmi tas-26 ta' Awissu 2002. Dan id-digriet, ghalhekk, hu l-bazi ta' din l-azzjoni u ghandu biss jigi deciz dak li gie riferit lill din il-Qorti permezz tal-imsemmi digriet;

"Fil-proceduri penali in kwestjoni l-imputati, li sa ftit zmien ilu wiehed minnhom kien Prim Imhallef u l-iehor Imhallef tal-Qorti Superjuri ta' Malta, qed jigu akkuzati, fost affarijiet ohra, li huma indebitament f'xi forma jew ohra rcevew rigali sabiex ma jghamlux dak li kien fid-dmir taghhom li jaghmlu;

"L-imsemmija Qorti tal-Magistrati ghamlet din ir-referenza a tenur ta' l-artikoli 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 4(3) tal-Kapitolu 319, li huwa l-att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Dawn l-artikoli huma simili hafna u filwaqt li l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jghamel referenza ghall-dawk l-artikoli fl-istess Kostituzzjoni li jittrattaw dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu, l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 jirreferi ghal dawk id-drittijiet fundamentali li huma protetti bl-istess kapitolu 319 u li huma elenkati fl-istess Kapitolu;

"L-imsemmija artikoli jipprovdu li kull persuna, li tallega li fil-konfront taghha sar, qed isir jew ghad jista' jsir ksur tal-imsemmija drittijiet fundamentali, tista' titlob lill-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall rimedju. Inoltre jipprovdu li jekk f'xi proceduri quddiem xi Qorti tqum xi kwestjoni dwar ksur ta' dritt jew drittijiet fundamentali protetti mill-Kostituzzjoni jew mill-Kapitolu 319, il-Qorti li quddiemha tqum din il-

kwestjoni ghandha tibghat l-istess kwestjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili. L-imsemmija Qorti li quddiemha titqajjem il-kwestjoni ghandha l-ewwel tiddeciedi jekk fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwestjoni kienx semplicement frivolu u vessatorju. F’kaz li l-Qorti tiddeciedi li dan it-tqanqil mhux frivolu u vessatorju l-kwestjoni ghandha tigi riferita lill-Prim Awla li ghandha tiddeciedi kull kwestjoni mibghuta quddiemha. Il-Qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwestjoni ghandha tiddisponi mill-kwestjoni skond kif tiddeciedi l-Prim Awla;

“Dejjem quddiem l-imsemmija Qorti tal-Magistrati l-imputati ssolevaw kwestjonijiet li jirreferu ghal fatt li l-proceduri penali in kwestjoni qed jiksru d-dritt fundamentali taghhom ta’ smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali u b’mod partikolari l-ilment tal-imputati jirreferi ghal fatt li bhala akkuzati huma ghandhom ikunu meqjusa innocenti sakemm ma jigix pruvat mod iehor. L-imputati ghalhekk ghamlu referenza ghall-artikoli 39(1) u 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) u 6(2) tal-imsemmi Kapitolu 319. F’dan ir-rigward l-imputati ghamlu referenza ghad-dikjarazzjoni maghmula mill-Onorevoli Prim Ministru fl-1 ta’ Awissu 2002 f’konferenza stampa imsejjha appositament li kienet tittratta l-kaz taghhom. L-imputati qed joggezzjonaw ghal-kliem tal-Onorevoli Prim Ministru f’din il-konferenza stampa u ghal-kliem uzat fi stqarrija ghall-istampa (*press release*) ufficjali mahruga in konnessjoni mal-istess kaz taghhom;

“F’dawn l-is[t]qarrijiet, li ghamel l-Onorevoli Prim Ministru, huwa rrefera ghal sentenza partikolari mghotija minn Qorti, komposta fost ohrajn miz-zewg imputati, u ddikjara, fost affarijiet ohra, li xi jiem qabel ma nghatat din is-sentenza sar maghruf li kienu qeghdin isiru kuntatti bejn l-akkuzat f’dawk il-proceduri u z-zewg imputati bil-ghan li l-kundanna ta’ habs li kien issubixxa l-istess akkuzat titnaqqas b’erba’ snin cioè titnaqqas minn sittax ghal tnax-il sena. Sar mgharuf ukoll li z-zewg imhallfin kienu gew imwieghda somma ta’ eluf ta’ liri kull wiehed. Il-Prim Ministru qal ukoll li wara li nghatat l-imsemmija sentenza

rrizulta li thallsu xi flus liz-zewg imputati cioè liz-zewg Imhallfin;

“L-imputati sostnew li b’dawn id-dikjarazzjonijiet tieghu l-Prim Ministru invita l-pubbliku biex iqis lill-imputati hatja. Huma sostnew li dan hu ukoll rifless f’certi rapporti u kummenti li deheru fil-medja. L-imputati allegaw li b’hekk kompliet tigi leza l-prezunzjoni ta’ l-innocenza taghhom u inoltre giet imminata l-awtorità u l-imparzjalità tal-gudikatura u l-fiducja li l-Qrati ghandhom igawdu mill-poplu. L-imputati sostnew li bil-kliem tieghu l-Prim Ministru ddikjara l-htija taghhom;

“Inoltre l-imputati ghamlu referenza ghall-mozzjoni li giet intavolata quddiem il-Parlament (Kamra tad-Deputati) ghat-tnehhija taghhom minn Imhallfin u ukoll ghamlu referenza ghal diversi artikoli li deheru fil-gurnali fejn skond huma giet imputata lilhom htija b’mod li qatt ma jista’ jkun hemm process gust u smiegh xieraq peress li r-regola tal-prezunzjoni ta’ l-innocenza taghhom giet kontaminata;

“Dejjem quddiem l-imsemmija Qorti tal-Magistrati l-Prosekuzzjoni rriteniet li l-imsemmija talba ghar-riferenza kostituzzjonali kienet frivola u vessatorja ghaliex nieqsa minn kull fondament ta’ fatt jew ta’ ligi;

“L-istess Qorti tal-Magistrati, fl-imsemmi digriet, ghamlet diversi konsiderazzjonijiet ta’ natura legali u anke ta’ fatt u dawn kienu jirrigwardaw it-tifsir tal-kelma ‘kwestjoni’ fil-kuntest tal-imsemmi artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u artikolu 4 tal-Kapitolu 319, rigwardanti s-soprassessjoni tal-Qorti tal-Magistrati wara li ssir r-riferenza lill-Prim Awla u rigwardanti s-sottomissjoni tal-imputati dwar xi artikoli li deheru fil-gurnali fejn, skond huma, giet imputata lilhom htija u f’dan ir-rigward il-Qorti tal-Magistrati rrimarkat li jesisti ukoll id-dritt fundamentali ta’ libertà ta’ espressjoni. Wara dan il-Qorti tal-Magistrati affermat li talba tal-imputati ghar-riferenza dwar il-kwestjoni li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom permezz tal-imsemmija konferenza stampa ta’ l-Onorevoli Prim Ministru mhux semplicement frivola u/jew vessatorja fit-termini tal-ligi;

"Il-Qorti tal-Magistrati specifikat li l-kwestjoni riferita lill din il-Qorti tirrigwarda biss l-imsemmija konferenza stampa u dak li gie imputat li ntqal fl-istess konferenza stampa. Difatti l-istess Qorti tal-Magistrati kompliet tipprovdi billi ddikjarat bhala semplicement frivoli u vessatorju l-punti l-ohra sollevati mid-difiza;

"In vista ta' dan kollu li ghandu jigi deciz minn din il-Qorti hu jekk id-drittijiet fundamentali tal-imputati kif sanciti fl-artikoli 39(1) u 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) u 6(2) tal-imsemmi Kapitolu 319 gewx b'xi mod lezi bil-kliem li uza l-Prim Ministru fil-konferenza stampa tal-1 ta' Awissu 2002 u fl-istqarrija ghall-istampa li harget in konsegwenza tal-istess konferenza stampa, u dana ghar-rigward tal-proceduri penali li gew inizjati kontra taghhom.

"In vista tar-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija ghandu jigi puntwalizzat li d-decizjoni jekk it-tqanqil tal-kwestjoni hix frivola u vessatorja bil-ligi hi riservata lill-Qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwestjoni. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax terga tidhol f'din il-kwestjoni. Din il-Qorti ghandha tiddeciedi biss jekk gewx lezi d-drittijiet tal-imputati skond id-digriet ta' referenza;

"Ghandu jinghad ukoll ghal kjarezza li l-kliem li jinghad li qal il-Prim Ministru skond l-istqarrija ghall-istampa jista jkun xi ftit differenti minn dak uzat mill-istess Prim Ministru waqt il-konferenza stampa. L-istess stqarrija, però, hi f'termini ta' kliem tal-Prim Ministru li qed jinghad b'mod dirett fil-virgoletti. Ghalhekk dak li hemm fl-istqarrija stampa ghandu jittiehed li intqal b'mod dirett mill-Prim Ministru;

"**L-artikoli 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) u 6(2) tal-Kapitolu 319**

"L-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li hu dritt fundamentali li kull min hu akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi mghoti smiegh xieraq f'gheluq zmien ragjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. L-artikolu

6(1) tal-Kapitolu 319 jissanzjona l-istess dritt, però imur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun imparzjali u pubbliku u ghandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. L-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdu li kull minn jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat li huwa hati;

"Id-drittijiet fundamentali sanciti b'dawn l-artikoli ghalhekk jinvolvu fl-ewwel lok li fi proceduri kriminali ghandu jkun hemm smigh xieraq, imparzjali u pubbliku quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqfin b'ligi u dana b'referenza ghall-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Fit-tieni lok tinghata protezzjoni lill-investigat jew l-imputat akkuzat b'reati kriminali u cioè li huwa ghandu jigi meqjus li hu innocenti sakemm jigi pruvat li huwa hati u dana a tenur tal-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dawn huma zewg drittijiet fundamentali separati;

"Hu minnu li l-presunzjoni tal-innocenza hi element li hu involut fid-dritt ghas-smiegh xieraq fi proceduri kriminali. (Vide - Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem - *Allenet de Ribemont v Franza* numru 3/1994/450/529 deciza fit-23 ta' Jannar 1995 u *Daktaras v Lithuania* numru 42095/98). Però dan hu biss element wiehed tal-*fair trial* u d-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza jista jigi ritenut li jinkiser *per se* wahdu;

"Ghalhekk id-dritt sancit fl-artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) generalment ghandu jigi esaminat fil-konfront ta' proceduri kriminali wara li jkunu tterminaw l-istess proceduri. Id-dritt ghal-presunzjoni tal-innocenza jista jigi esaminat f'kull zmien u jista jinkiser mhux biss mill-awtorità gudizzjarja izda ukoll minn awtoritajiet ohra kif in effett hi l-allegazzjoni f'dan il-kaz. (Ara decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem - *Allenet de Ribemont v Franza* numru 3/1994/450/529 deciza fit-23 ta' Jannar 1995). In vista ta' din id-decizjoni ghalhekk id-dritt ghall-presunzjoni tal-innocenza tal-imputati, f'dan il-kaz,

jista jkun li gie lez mill-kliem li qal il-Prim Ministru fil-konferenza stampa in kwestjoni;

“**Il-konferenza stampa**

“Il-konferenza stampa nzammet mill-Prim Ministru in konnessjoni mal-investigazzjonijiet li kienet qed taghmel il-Pulizija ghar-rigward tal-fatti li wasslu li z-zewg imputati jitressqu quddiem il-Qorti kompetenti akkuzati b’diversi reati konnessi mad-dmirijiet taghhom rispettivament ta’ Prim Imhallef u Imhallef tal-Qorti Superjuri ta’ Malta. Il-fatti li wasslu sabiex tinzamm il-konferenza kienu fatti straordinarji u unici ghal dan il-pajjiz. Kienu qed jigu investigati zewg membri tal-gudikatura dwar reati kriminali allegatament kommessi minnhom in konnessjoni mad-dmirijiet istituzzjonali taghhom. Il-Prim Ministru ghalhekk kien ben gustifikat li jghajjat din il-konferenza stampa sabiex jinforma l-pubbliku b’dak li kien qed jigri. B’hekk seta jigi evitat kull allarm ta’ xi krizi istituzzjonali. B’hekk ukoll il-pubbliku jkun jaf li l-Pulizija kienet semplicement qed tghamel id-dover taghha skond il-ligi;

“Ma hemm xejn straordinarju, jew irregolari jew illegittimu, li kien hemm presenti ghal din il-konferenza l-Vici Prim Ministru, l-Misistru tal-Gustizzja u l-Ministru tal-Intern. Dawn il-persuni ma tkellmux waqt il-konferenza u l-presenza taghhom ma tat ebda xejra differenti u ma ghamlet ebda enfasi mhux gustifikata lill dak kollu li qal il-Prim Ministru jew f’xi parti minn dak li qal;

“Dak li ntqal fil-konferenza stampa ghandu jittiehed fil-kuntest tieghu, kif ukoll fil-kuntest ta’ dak kollu li ntqal. L-imputati joggezzjonaw b’mod partikolari ghas-segwenti kliem u cioè ‘xi granet qabel is-sentenza ta’ l-appell sar maghruf li kienu qeghdin isiru kuntatti ghan-nom ta’ l-akkuzat (referenza ghal Mario Camilleri) ma’ l-Imhallef Patrick Vella u l-Prim Imhallef Arrigo biex il-kundanna ta’ habs titnaqqas b’erba’ snin minn sittax ghal tnax-il sena u li dawn iz-zewg imhallfin kienu gew imwieghda somma ta’ eluf ta’ liri kull wiehed’ [u li] ‘wara s-sentenza irrizulta li kienu thallsu liz-zewg imhallfin imsemmija’;

“L-imputati jqiesu li dan il-kliem hu mqieghed f’termini kategorici u jimputalhom il-htija ghar-rigward tar-reati involuti f’dawn il-fatti. L-imputati, f’dan ir-rigward, jghamlu referenza ukoll ghal diversi artikoli li deheru fil-gurnali wara li nzammet il-konferenza, u liema artikoli skond l-imputati jimputawlhom htija in vista ukoll tal-imsemmi kliem uzat mill-Prim Ministru. Din il-Qorti, zgur, li m’ghandiex tesamina dawn l-artikoli fil-kuntest lamentat mill-imputati u dana a bazi tad-digriet ta’ referenza. Li ghandu jigi esaminat hu jekk il-kliem *per se* tal-Prim Ministru b’xi mod setax ikun lesiv tal-imsemmija drittijiet fundamentali tal-imputati. Il-mod kif dan il-kliem gie interpretat mhux daqstant rilevanti ghal finijiet ta’ dawn il-proceduri;

“Fil-konferenza l-Prim Ministru beda biex informa lill-pubbliku li zewg Imhallfin kienu qed jigu investigati mill-Pulizija ghal reati serji. Huwa ghamel referenza ghal sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appelli Kriminali u qal li granet qabel ma nghatat din is-sentenza sar mgharuf li kienu qed isiru kuntatti ghan-nom tal-akkuzat u z-zewg Imhallfin sabiex il-kundanna ta’ habs, li kien issubixxa l-istess akkuzat mill-ewwel Qorti, titnaqqas b’erba’ snin. Sar maghruf ukoll li z-zewg Imhallfin gew imweghda eluf ta’ flus kull wiehed u lill Pulizija rrizultalha, wara li nghatat is-sentenza, fejn il-kundanna ta’ habs giet imnaqqsa, li thallsu flus lill-Imhallfin. Il-Prim Ministru kompla jassigura li l-kaz ser jigi investigat sal-ahhar. Huwa kkonkluda billi appella lill-pubbliku biex jistenna r-rizultati tal-investigazzjonijiet skond il-ligi. Meta sarulu domandi mill-gurnalisti l-Prim Ministru diversi drabi fakkar li kellhom jispiccaw l-investigazzjonijiet qabel ma wiehed jasal ghal xi konkluzjoni. Huwa fakkar ukoll li z-zewg Imhallfin ghandhom id-drittijiet bhal kull cittadin iehor u li f’dan il-kaz ghandha tigi dejjem segwita l-ligi;

“Fl-isfond ta’ dak kollu li qal il-Prim Ministru ma jistax jinghad li huwa imputa htija lill-imputati. Il-Prim Ministru uza termini li generalment jintuzaw f’okkazjonijiet meta jkun qed jinghata taghrif ta’ xi arrest jew ta’ xi investigazzjonijiet li jkunu ghaddejjin. Huwa rrefera ghal dak li kien qed jirrizulta lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet.

Inoltre huwa ghamel certi riservi u invita lill kullhadd jistenna li jigu konkluzi l-investigazzjonijiet;

"***Allenet de Ribemont v Franza* - Fil-kaz *Butkevicius v Lithuania* - *Daktaras v Lithuania***

"Bhal fil-kaz in esami, f'dawn il-kazijiet decizi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem l-applikanti kollha ilmentaw dwar xi kliem li ntqal fil-konfront taghhom minn xi awtorità fl-isfond ta' investigazzjonijiet jew proceduri kriminali li fihom huma kienu involuti. Dawn il-kazijiet kollha gew trattati mill-Qorti Ewropea fl-isfond ta' allegata vjolazzjoni tal-provedimenti tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjonu u cioè dak li jittratta dwar id-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza;

"Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz già citat ta' *Allenet de Ribemont v Franza* (numru 3/1994/450/529 deciza fit-23 ta' Jannar 1995) irriferiet ghad-dritt tal-libertà tal-espressjoni sancit bl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni u kkonfermat li dan jimplika l-libertà li wiehed jircievi u jghaddi informazzjoni. Skond il-Qorti ghalhekk il-provedimenti li jirrigwardaw id-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza ma jistawx jimpedixxu lill-awtoritajiet li jghatu informazzjoni lill-pubbliku dwar investigazzjonijiet ta' natura kriminali li jkunu ghaddejjin. Din l-informazzjoni però trid tinghata '*with discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected. In this case high ranking officers referred to applicant without any reservation or qualification as one of the instigators of the murder and thus as an accomplice in that murder. This was clearly a declaration of the applicant's guilt, which firstly encouraged the public to believe him guilty and secondly prejudged the assessment of the facts by the competent judicial authority*'. Dan ma japplikax ghall-kaz in esami, fejn il-Prim Ministru ghamel ir-riservi fuq indikati u fejn il-kliem in kwestjoni ma jistax jinghad li jimplika kategorikament u b'mod car li l-imputati huma hatjin;

"Fil-kaz *Butkevicius v Lithuania* 12 ta' Marzu 2002 numru 48297/99) gie ritenut li l-kliem lamentat ghandhom

jittiehdu fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari li fihom jkunu intqalu l-istess kliem. Fil-kaz in esami l-kliem intqal fil-kors ta' konferenza stampa li anke l-imputati ddikjaraw li kienet necessarja u fil-kuntest tieghu u mehud dak kollu li ntqal fil-konferenza stampa l-kliem lamentat ma jistax jitqies li jikser id-drittijiet fundamentali tal-imputati. Fil-kaz ta' *Butkevicius* il-kliem lamentat kien jimplika b'mod car u tond il-htija tal-applikant minnghajr ma saret ebda riserva;

"Fil-kaz *Daktaras v Lithuania* (numru 42095/98 deciz fl-10 ta' Ottubru 2000) saret enfazi fuq l-ghazla tal-kliem li jkun intqal mill-awtorità. Ma jistax jinghad li fil-kaz in esami l-Prim Ministru wera opinjoni li l-imputati kienu hatja. Il-Prim Ministru invita lill kullhadd biex ma jasalx f'konkluzjonijiet qabel ma jigu terminati l-investigazzjonijiet;

"**Konkluzjoni**

"In vista ta' dan kollu ma jirrizultax li dak li ntqal fil-konferenza stampa mputa htija lill-imputati u ghalhekk ma gewx lezi d-[d]rittijiet fundamentali tal-imputati kif sanciti fl-artikoli 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni u fl-artikoli 6(1) u (2) tal-Kapitolu 319;"

Rat ir-rikors ta' appell ta' Dr. Patrick Vella illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi mhassra u revokata l-imsemmija sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili ta' l-4 ta' Dicembru, 2002 u dana billi jintlaqghu l-ilmenti ta' l-istess appellant billi jigi dikjarat illi l-Onorevoli Prim Ministru fil-konferenza stampa tal-1 ta' Awissu, 2002 bil-kliem minnu uzati u permezz ta' l-istess konferenza stampa fl-intier taghha jew mod iehor illeda d-drittijiet fundamentali ta' l-istess appellant kif imharsa mill-artikoli 39(1), (5) tal-Kostituzzjoni u 6(1), (2) tal-Konvenzjoni Ewropea jew liema minnhom u billi jinghataw dawk id-direttivi u ordnijiet opportuni sabiex jigi rimedjat kull pregudizzju soffert mill-istess appellant;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Dr. Noel Arrigo illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:

"… illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata ta' l-4 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet premessi u tiddeciedi r-riferenza kostituzzjonali fuq imsemmija billi tiddikjara illi d-drittijiet fondamentali ta' l-esponent kif sanciti bl-artikoli 39(1) u (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 6(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropea gew lezi, u taghti dawk ir-rimedji u direttivi kollha xierqa u opportuni biex tizgura t-twettiq effettiv ta' l-imsemmija artikoli; bl-ispejjez taz-zewg istanzi";

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija ghar-rikors ta' appell ta' Dr. Patrick Vella u r-risposta ta' l-istess persuni ghar-rikors ta' appell ta' Dr. Noel Arrigo illi permezz taghhom, ghar-ragunijiet esposti fihom, issottomettew illi z-zewg (2) appelli ghandhom jigu respinti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Trattat l-appelli;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-appellant Dr. Patrick Vella kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. "… l-oghla persuna fil-gerarkija istituzzjonali tal-Gvern, kienet b'mod car [permezz tal-kliem illi intqal minnha waqt il-konferenza stampa] qieghdha tiddikjara lill-esponenti hatja tar-reati imsemmija."

2. L-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta kkonkludiet illi ma giex lez id-dritt ghal smiegh xieraq *ai termini* ta' l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex, fi kliem is-sentenza appellata (p. 13), "[dan] id-dritt … generalment ghandu jigi esaminat fil-konfront ta' proceduri kriminali wara li jkunu tterminaw l-istess proceduri" ghaliex, skond dan l-appellant, "… jista' jkollok il-lezjoni tal-artikoli … fuq imsemmija, anke meta ghadhom ma gewx istitwiti proceduri legali."

3. Il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi ma jirrizultax illi gie lez id-dritt ta' prezunzjoni ta' innocenza garantit bl-Artikoli 39(5) tal-Kostituzzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea hija zbaljata ghaliex:

(i) filwaqt illi "… il-ligi u s-sentenzi joholqu bilanc bejn id-dritt li l-Istat jinforma lill-Pubbliku dwar allegati reati kommessi minn persuni f'karigi gholjin, u l-harsien u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-ufficjal gholi suspettat li kkommetta reat", fil-kaz in ezami, kuntrarjament ghal dak li ikkonkludiet l-ewwel Qorti, ma kienx hemm dan il-bilanc. Infatti, il-Prim Ministru mhux talli ma uzax kawtela fl-ghazla tal-kliem talli

"… addirittura minghajr ebda adulterazzjoni fi kliem li jimplika kawtela, <u>qal lill-pubbliku x'ghamel l-esponent</u>!", u, "… l-Prim Ministru kien imperattiv, ecceda dak li kien permissibbli fil-kuntest u c-cirkostanzi tal-kaz u li kull ma jonqos jiddikjarahom hatja";

(ii) "… t-test li ghandu jigi adoperat [sabiex jigi determinat jekk hemmx ksur tad-dritt ghall-prezunzjoni ta' l-innocenza] huwa jekk min qal il-kliem ikkunsidrax lill-persuna hatja minghajr ma formalment iddikjaraha hekk u jekk ukoll il-pubbliku in generali fehemx hekk." F'dan il-kuntest, "… l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta skartat li tezamina l-artikoli esibiti";

4. Filwaqt illi "… d-drittijiet fondamentali tal-bniedem ghandhom jigu applikati u interpretati favur il-harsien taghhom u mhux bil-kuntrarju" (l-appellant hawnhekk iccita l-kaz *Allenet De Ribemont* u l-awturi Van Dijk u Van Hoof illi jirreferu ghall-kaz *Delcourt*), "… l-ewwel Qorti, kontra l-insenjament ta' dawn id-decizjonijiet u awturi interpretat dak li gara b'mod li ma ippermettietx applikazzjoni prattika u effettiva tal-principji involuti billi tat interpretazzjoni ristrettiva tal-istess";

Ikkusidrat:

Illi l-aggravji ta' l-appellant Dr. Noel Arrigo kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. L-ewwel Qorti kkonkludiet hazin illi l-Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea m'humiex applikabbli qabel ma jintemmu l-proceduri. Hija l-imparzjalità oggettiva illi qed tigi invokata;

2. Ghal dak illi jirrigwarda d-dritt fundamentali garantit bl-Artikoli 39(5) tal-Kostituzzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea:

(i) l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi "Fl-isfond ta' dak kollu li qal il-Prim Ministru ma jistax jinghad li huwa imputa htija lill-imputati" qabel ma identifikat u kkonsidrat "… l-principji applikabbli ghall-fattispecie tal-kaz hekk kif jemanaw mill-gurisprudenza in materia";

(ii) "… meta fl-ahhar parti tas-sentenza taghha l-ewwel Qorti tghaddi biex tirreferi ghall-gurisprudenza Ewropea applikabbli ghall-kaz odjern, hija taghti interpretazzjoni impreciza tal-principji involuti li twassalha biex taghmel applikazzjoni zbaljata taghhom ghall-kaz in ezami";

(iii) "… l-ewwel Qorti ma kienitx gustifikata tikkonsidra li ma kellhiex tezaminahom [l-artikoli esibiti] 'u dana a bazi tad-digriet ta' riferenza', kif ukoll kienet zbaljata tghid li l-mod kif il-kliem tal-Prim Ministru gie interpretat 'mhux daqstant rilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri'.";

(iv) "… l-ewwel Qorti tonqos milli tapplika sewwa l-principju stabbilit mill-Qorti Ewropea li 'whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the circumstances in which the impugned statement was made'.";

Ikkunsidrat:

L-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant Dr. Patrick Vella ghandu jigi konsidrat flimkien mat-tielet (3) aggravju tieghu u mat-tieni (2) aggravju ta' l-appellant Dr. Noel Arrigo, u dana wara illi jigu konsidrati it-tieni (2) aggravju

ta' l-appellant Dr. Patrick Vella u l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant Dr. Noel Arrigo;

It-tieni (2) aggravju ta' l-appellant Dr. Patrick Vella u l-ewwel aggravju ta' l-appellant Dr. Noel Arrigo huma validi ghar-ragunijiet segwenti:
(i) Hija valida s-sottomissjoni ta' l-appellanti (ara p. 9 tar-rikors ta' appell ta' Dr. Patrick Vella u p. 2 tar-rikors ta' appell ta' Dr. Noel Arrigo) illi l-konkluzjoni taht ezami ta' l-ewwel Qorti iggib fix-xejn l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 kwantu dawn jatu dritt lil "Kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni [li xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali] … tkun [ikun] x'aktarx ser tigi [jigi] miksura [miksur] dwarha … tista' … titlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju". Il-ligijiet tal-pajjiz - b'mod specjali il-provvedimenti kostituzzjonali - qeghdin hemm sabiex jithaddmu;
(ii) Sabiex waslet ghall-konkluzjoni in ezami l-ewwel Qorti qalet (p. 12-13 tas-sentenza):
"Hu minnu li l-presunzjoni tal-innocenza hi element li hu involut fid-dritt ghas-smiegh xieraq fi proceduri kriminali. … Però dan hu biss element wiehed tal-*fair trial* u d-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza jista jigi ritenut li jinkiser *per se* wahdu;

"<u>Ghalhekk</u> id-dritt sancit fl-artikoli 39(1) u l-Artikolu 6(1) <u>generalment</u> ghandu jigi esaminat fil-konfront ta' proceduri kriminali wara li jkunu tterminaw l-istess proceduri."

Ladarba l-ewwel Qorti abbraccjat il-principju illi l-presunzjoni ta' l-innocenza huwa wiehed mill-elementi ta' "smiegh xieraq" - imsemmi fl-Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea - ma setghatx taccetta illi tikkonsidra l-ilment ta' l-appellanti dwar ksur tal-presunzjoni ta' l-innocenza - *ai termini* ta' l-Artikoli 39(5) tal-Kostituzzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea - u *a priori* tirrifjuta illi tikkonsidra l-ilment ta' l-appellanti dwar ksur ta' l-Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Inoltre, l-ewwel Qorti ma messiex iddecediet kif iddecidiet a bazi ta' xi jsir "generalment" izda

kellha tara x'kellu jsir fil-fattispecie tal-kaz odjern. Fil-kaz odjern, proprju ghaliex, kif ghadu kemm inghad, hemm allegazzjoni tal-ksur tal-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-imputati - wiehed mill-elementi ta' "smiegh xieraq" - kellu jigi konsidrat l-ilment ta' l-appellanti taht l-Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, hija valida hafna s-sottomissjoni segwenti ta' l-appellant Dr. Patrick Vella (p. 9 tar-rikors ta' appell tieghu):

"… jekk il-kliem fuq imsemmi tal-Prim Ministru jammonta ghal vjolazzjoni tal-principju tal-[prezunzjoni ta' l-]innocenza … allura ghandek ukoll ksur tal-principju ta' smiegh xieraq f'eventwali proceduri li jistghu jittiehdu";

Jaghmlu hafna sens ukoll, fil-kuntest ta' dak illi qalet l-ewwel Qorti dwar xi jsir "generalment", l-ezempji ta' cirkostanzi illi jistghu jatu lok ghal ksur ta' l-Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fil-pendenza ta' proceduri gudizzjarji imsemmija f'pagna tnejn (2) tar-rikors ta' appell ta' Dr. Noel Arrigo;

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant Dr. Patrick Vella u l-ewwel (1) aggravju ta' l-appellant Dr. Noel Arrigo qed jintlaqghu u, konsegwentement, hemm lok illi jigi konsidrat l-ilment ta' l-imputati illi gie lez id-dritt fundamentali taghhom garantit bl-Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

Ikkunsidrat:

Mill-assjem ta' l-atti processwali jirrizulta illi l-appellanti qed jibbazaw l-ilment taghhom dwar ksur ta' Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea mhux ghaliex, per ezempju, il-proceduri twalu b'mod irragjonevoli ("gheluq ["fi"] zmien ragjonevoli"), izda ghaliex ma jistax ikollhom (i) "smiegh xieraq" (ii) "minn qorti indipendenti u imparzjali";

Tajjeb illi l-ewwel jigi konsidrat l-ilment (ii). Irid jinghad mill-ewwel illi l-appellanti, permezz tal-legali taghhom, iddikjaraw illi huma qed jillimitaw l-ilment taghhom fir-

rigward ghal nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità oggettiva u mhux soggettiva.

Dwar dan l-ilment, l-appellant Dr. Patrick Vella jghid hekk fir-rikors ta' appell tieghu (p.17):

"Illi stabbilit li ma hemm ebda dubju li gew vjolati l-artikoli 39(5) u 6(2) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament l-esponent isostni li gew ukoll vjolati l-artikoli 39(1) u 6(1) tal-istess, fis-sens li oggettivament, b'dak li ntqal fl-imsemmija Konferenza Stampa, qatt ma jista' jinghata smiegh xieraq peress li qatt ma jista' jkun hemm gudikant imparzjali." (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, din is-sottomissjoni ta' l-appellant Dr. Patrick Vella mhix valida ghaliex, anke kieku f'dan l-istadju, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jigi konsidrat illi gie lez id-dritt fundamentali tieghu tal-prezunzjoni ta' l-innocenza garantit bl-artikoli 39(5) tal-Kostitutizzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-istess appellant mhux gustifikat illi jirritjeni illi l-proceduri kriminali in kwestjoni ma jistghux jigu determinati minn qorti oggettivament indipendenti u imparzjali. Infatti, dina l-Qorti taqbel illi, kif tajjeb issottometta l-Avukat Generali waqt it-trattazzjoni orali quddiem l-ewwel Qorti (fol. 214 *et seq.*), fis-sistema guridiku taghna hemm garanziji u salvagwardji bizzejjed b'mod illi, anke jekk kellu jirrizulta illi, permezz ta' kliem illi ntqal waqt il-konferenza stampa in kwistjoni, giet pregudikata l-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-appellanti, ma jistax jinghad illi r-reati kriminali illi bihom huma akkuzati l-istess appellanti ma jigux determinati minn qorti oggettivament indipendenti u imparzjali. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dan japplika kemm jekk il-proceduri kriminali relativi jigu determinati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kemm jekk l-istess proceduri jigu determinati mill-Qorti Kriminali, bil-partecipazzjoni tal-gurati jew minghajr din il-partecipazzjoni, u kemm f'kaz ta' xi eventwali appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali;

Illi l-fehma ta' dina l-Qorti, espressa fil-paragrafu ta' qabel dan, tapplika ukoll ghal dak illi ssottometta dwar l-ilment in

ezami l-appellant Dr. Noel Arrigo fir-rikors ta' appell tieghu (p. 3, paragrafu illi jibda bil-kelmiet "Fit-tieni lok, l-esponent ghandu biza oggettivament gustifikat");

Illi, ghalhekk, l-ilment in ezami ta' l-appellanti mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Peress illi l-uniku element tal-principju ta' "smiegh xieraq" (Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea) invokat mill-appellanti huwa dak tal-prezunzjoni ta' l-innocenza taghhom, u in vista tal-principju stabbilit illi "*the presumption of innocence enshrined in article 6(2) of the Convention* [u fl-art. 39(5) tal-Kostituzzjoni] *is one of the elements of a fair criminal trial guaranteed by Article 6(1)* [u l-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni]" (*Daktaras v. Lithuania*), l-ilment (i) sejjer jigi trattat wara illi jigu trattati l-aggravji illi jikkoncernaw il-ksur tad-dritt fundamentali tal-prezunzjoni ta' l-innocenza;

Ikkunsidrat:

Qabel ma tikkonsidra dawn l-ahhar imsemmija aggravji, dina l-Qorti sejra tikkonsidra is-segwenti sottomissjoni maghmula mill-Avukat Generali u mill-Kummissarju tal-Pulizija fir-risposta taghhom kemm ghar-rikors ta' appell ta' Dr. Patrick Vella u kemm ghar-rikors ta' appell ta' Dr. Noel Arrigo:
"Illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet ukoll fattwalment korretta meta irriteniet illi xejn fil-konferenza stampa de quo ma illediet [*sic*] id-dritt tal-prezunzjoni ta' l-innocenza anke jekk wiehed jara tali dritt bhala li jezisti anke barra mill-ambitu tal-process kriminali, kif tirritjeni l-gurisprudenza recenti tal-Qorti Ewropea fi Strasbourg.

"Wiehed irid jghid ukoll f'dan l-isfond illi fejn dan id-dritt hu awtonomu mill-garanziji processwali fl-isfond ta' process kriminali, allura il-ksur allegat tieghu ma jikkostitwixxi ebda 'kwistjoni' li ghandha bzonn ta' rizoluzzjoni permezz ta' referenza fl-istess process u ghalhekk <u>it-tqajjim ta' din il-lanjanza fl-isfond tal-process kriminali hi semplicement frivola u vessatorja</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Din is-sottomissjoni - puntwalizzata fil-kliem illi ghadhom kemm gew sottolineati minn dina l-Qorti - mhix valida ghaliex, apparti konsiderazzjonijiet ohra, qalet tajjeb hafna l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata (p. 12):
"… [i]d-decizjoni jekk it-tqanqil tal-kwestjoni hix frivola u vessatorja bil-ligi hi riservata lill-Qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwestjoni."

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad, qabel xejn, illi l-aggravju 2(i) ta' l-appellant Dr. Noel Arrigo mhux validu ghaliex, ghalkemm huwa minnu, bhala fatt, illi, kif jghid l-istess appellant (p. 4 tar-rikors ta' appell), "… l-ewwel Qorti tasal ghall-konkluzjoni li 'Fl-isfond ta' dak kollu li qal il-Prim Ministru ma jistax jinghad li huwa imputa htija lill-imputati' … <u>qabel</u> ma tidentifika u tikkunsidra l-principji applikabbli ghall-fattispecie tal-kaz hekk kif jemanaw mill-gusiprudenza in materja", mhux necessarjament minnu illi, kif isostni l-istess appellant, dan "… jaghti x'jifhem illi hija [l-ewwel Qorti] ggudikat il-kaz <u>minghajr</u> ma hadet id-<u>debita</u> konsiderazzjoni ta' tali principji gurisprudenzjali …". Fil-fehma ta' dina l-Qorti, il-mod kif hija redatta din il-parti tas-sentenza appellata illi dwarha qed jilmenta l-appellant Dr. Noel Arrigo hija rizultat ta' stil ta' kif wiehed jikteb. Il-Qorti trid taghmilha cara illi hawnhekk hija qed tghid biss illi l-mod kif inhi redatta din il-parti tas-sentenza appellata ma jwassalx ghall-konkluzjoni pretiza mill-appellant u, ghalissa, mhix qed tippronunzja ruhha dwar l-ilment l-iehor ta' l-appellanti, imsemmi aktar 'l fuq, illi l-ewwel Qorti applikat hazin il-"principji gurisprudenzjali" hawn fuq riferiti ghall-kaz odjern;

Ikkunsidrat:

Illi tajjeb illi issa jigu kunsidrati dik il-parti ta' l-aggravju 3(ii) ta' l-appellant Dr. Patrick Vella illi tghid illi "… l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta skartat li tezamina l-artikoli esebiti" u l-aggravju 2(iii) ta' l-appellant Dr. Noel Arrigo. Dan l-ahhar imsemmi aggravju ta' l-appellant Dr. Noel Arrigo jirrigwarda ukoll il-fatt illi l-ewwel Qorti iddeklinat illi

tiehu konjizjoni ta' l-imsemmija artikoli u huwa espress fit-termini segwenti (p. 6 tar-rikors ta' appell):
"… l-ewwel Qorti ma kienitx gustifikata tikkonsidra li ma kellhiex tezaminahom 'u dana a bazi tad-digriet ta' riferenza', kif ukoll kienet zbaljata tghid li l-mod kif il-kliem tal-Prim Ministru gie interpretat 'mhux daqstant rilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri'.";

Il-parti tas-sentenza appellata illi tittratta l-punt mertu ta' l-aggravju issa in ezami ta' l-appellanti hija s-segwenti (p. 14 tas-sentenza):
"L-imputati, f'dan ir-rigward, jghamlu riferenza ukoll ghal diversi artikoli li deheru fil-gurnali wara li nzammet il-konferenza, u liema artikoli skond l-imputati jimputawlhom htija in vista ukoll tal-imsemmi kliem uzat mill-Prim Ministru. Din il-Qorti, zgur, li m'ghandhiex tesamina dawn l-artikoli fil-kuntest lamentat mill-imputati u dana a bazi tad-digriet ta' referenza. Li ghandu jigi esaminat hu jekk il-kliem 'per se' tal-Prim Ministru b'xi mod setax ikun lesiv tal-imsemmija drittijiet fundamentali tal-imputati. Il-mod kif dan il-kliem gie interpretat mhux daqstant rilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri";

Dina l-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi, "a bazi tad-digriet ta' riferenza", l-imsemmija artikoli ma jistghux jigu ezaminati minnha bl-iskop li jigi determinat jekk <u>permezz</u> ta' l-istess artikoli gewx lezi d-drittijiet fundamentali invokati mill-appellanti. Anke l-istess appellanti jaqblu ma' dan. Dina l-Qorti taqbel ukoll mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi dak li "… ghandu jigi esaminat hu jekk il-kliem *per se* tal-Prim Ministru b'xi mod setax ikun lesiv tal-imsemmija drittijiet fundamentali tal-imputati". Però, dina l-Qorti ma taqbilx mal-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti illi "Il-mod kif dan il-kliem gie interpretat mhux <u>daqstant</u> rilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri" (sottolinear ta' dina l-Qorti). L-ewwel haga illi ghandha tinghad f'dan ir-rigward hija illi l-fatt illi l-ewwel Qorti uzat il-kelma "daqstant" - kelma illi tippresupponi ir-relatività - ifisser illi anke hija stess ma kkunsidratx "Il-mod kif dan il-kliem gie interpretat" bhala addirittura irrilevanti. Apparti dan, dina l-Qorti taqbel ma' dak illi ssottometta l-

appellant Dr. Noel Arrigo fir-rikors ta' appell tieghu (p. 6) hawn taht riprodott:
"… stante li a tenur tal-gurisprudenza Ewropea dikjarazzjoni ta' ufficjal pubbliku li taghti 'some reasoning to suggest' li huwa jqis akkuzat hati hija leziva tal-prezunzjoni ta' l-innocenza, kienu … rilevanti ghall-kaz odjern il-provi … imressqa mill-esponent ibbazati fuq l-artikoli li dehru fil-*press*, u dana billi … il-*press* tirrifletti l-mod kif jahsibha l-pubbliku, u ghalhekk, tikkostitwixxi *indicator* siewi ta' l-interpretazzjoni maghmula mill-pubbliku u ta' l-effett fuq l-istess pubbliku tad-dikjarazzjonijiet impunjati tal-Prim Ministru."

Ghalhekk, l-aggravju in ezami ta' l-appellanti huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi issa sejjer jigi trattat l-aggravju 3(i) ta' l-appellant Dr. Patrick Vella illi permezz tieghu huwa qed isostni illi l-ewwel Qorti kkonkludiet hazin illi fil-kaz in ezami kien hemm bilanc bejn - fi kliem ir-rikors ta' appell - "… id-dritt li l-Istat jinforma l-Pubbliku dwar allegati reati kommessi minn persuni f'karigi gholjin, u l-harsien u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' l-ufficjal suspettat li kkommetta reat";

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant Dr. Patrick Vella jghid ukoll hekk (p. 12):
"Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-bilanc fuq imsemmi kien jezisti u kwindi ma hemmx il-ksur tad-drittijiet fondamentali mertu ta' dan l-appell peress li … il-Prim Ministru appella lill-pubbliku jistenna l-investigazzjonijiet."

Dina l-Qorti tifhem illi l-imsemmi appellant qed jaghmel referenza ghal dik il-parti tas-sentenza appellata illi sejra issa tigi citata (l-ahhar pagna tas-sentenza):
"Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz già citat ta' *Allenet de Ribemont v Franza* (numru 3/1994/450/529 deciza fit-23 ta' Jannar 1995) irriferiet ghad-dritt tal-libertà tal-espressjoni sancit bl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni u kkonfermat li dan jimplika l-libertà li wiehed jircievi u

jghaddi informazzjoni. Skond il-Qorti ghalhekk il-provedimenti li jirrigwardaw id-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza ma jistawx jimpedixxu lill-awtoritajiet li jghatu informazzjoni lill-pubbliku dwar investigazzjonijiet ta' natura kriminali li jkunu ghaddejjin. Din l-informazzjoni però trid tinghata 'with discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected. In this case high ranking officers referred to applicant without any reservation or qualification as one of the instigators of a murder and thus as an accomplice in that murder. This was clearly a declaration of the applicant's guilt, which firstly encouraged the public to believe him guilty and secondly prejudged the assessment of the facts by the competent judicial authority." Dan ma japplikax ghall-kaz in esami, fejn il-Prim Ministru ghamel ir-riservi fuq indikati u fejn il-kliem in kwestjoni ma jistax jinghad li jimplika kategorikament u b'mod car li l-imputati huma hatjin;"

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, fl-ahhar sentenza ta' din il-parti appena citata tas-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi, ladarba l- Onorevoli Prim Ministru ghamel riservi, l-informazzjoni illi huwa ta waqt il-konferenza stampa inghatat "with discretion and circumspection necessary", u, konsegwentement, il-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-appellanti ma gietx imxellfa. Dina l-Qorti ma taqbilx ma' din il-konkluzjoni ghaliex, fil-fehma taghha, dak illi qed tghid dik il-parti tas-sentenza *Allenet de Ribemont v. France* hawn fuq citata huwa illi jekk kienx hemm xi riserva ghandu jittiehed in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk intuzawx "discretion and circumspection" u mhux illi kull fejn jirrizulta illi kien hemm rizerva ifisser illi intuzaw id-"discretion and circumspection necessary". Tajjeb illi jigi puntwalizzat, f'dan ir-rigward, illi, filwaqt illi s-sentenza appellata ticcita s-segwenti kliem mis-sentenza *Allenet de Ribemont v. France*: "with discretion and circumspection necessary …", fil-paragrafu enumerat 38. tas-sentenza *Allenet de Ribemont v. France* jinghad: "… with <u>all the</u> discretion and circumspection necessary …" (sottolinear ta' dina l-Qorti). Kwantu ghall-aggravju in ezami, jekk, fil-kaz odjern, intuzawx "all the

discretion and circumspection necessary" sejjer jigi kunsidrat aktar tard f'dan il-gudikat;

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' l-aggravji - hawn fuq puntwalizzati - illi jirrigwardaw id-dritt fundamentali garantit bl-Artikoli 39(5) tal-Kostituzzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea, u illi ghadhom ma gewx konsidrati, l-appellanti qed isostnu illi l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi "… ma jirrizultax li dak li ntqal fil-konferenza stampa mputa htija lill-imputati u ghal hekk ma gewx lezi d-[d]rittijiet fundamentali tal-imputati kif sanciti fl-artikoli 39 … (5) tal-Kostituzzjoni u fl-artikoli 6 … (2) tal-Kapitolu 319" hija zbaljata. Dawn l-aggravji sejrin jigu trattati flimkien;

Ikkunsidrat:

Ghandu jinghad, qabel xejn, illi dina l-Qorti tirraviza diskrepanza bejn l-aggravji wiehed (1) u 3(i) ta' l-appellant Dr. Patrick Vella ghaliex, filwaqt illi fl-ewwel (1) aggravju dan l-appellant jghid "… l-oghla persuna fil-gerarkija istituzzjonali tal-Gvern, kienet b'mod car qieghdha <u>tiddikjara lill-esponenti hatja</u> …", fl-aggravju 3(i) l-istess appellant jghid "… l-Prim Ministru kien imperattiv, … u … <u>kull ma kien jonqos jiddikjarahom hatja</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi, dan premess, tajjeb illi jergghu jigu riepilogati l-aggravji illi issa qeghdin jigu konsidrati. Dawn, fi ftit kliem, huma illi l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata: (a) ma holqitx bilanc bejn id-dritt ta' l-awtoritajiet illi jinfurmaw lill-pubbliku u l-obbligu illi dan taghmlu "*with all the discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected*"; (b) tat interpretazzjoni restrittiva (aggravju ta' l-appellant Dr. Patrick Vella) jew impreciza li wasslet ghal applikazzjoni zbaljata (aggravju ta' l-appellant Dr. Noel Arrigo) tal-principji involuti fil-materja; (c) naqset "… milli tapplika sewwa l-principju stabbilit mill-Qorti Ewropea li '*whether a statement of a public official is*

*in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made*";

Tajjeb ghalhekk illi jigu individwalizzati l-"principji" li jaghmlu referenza ghalihom l-appellanti. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dawn il-principji jemergu mis-segwenti brani tas-sentenza recenti hafna in materja tal-Qorti Ewropea, *Butkevicius v. Lithuania*, tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, 2002 - u mhux tas-26 ta' Gunju, 2002, kif jinghad fit-trattazzjoni orali ta' l-abili difensur ta' l-appellant Dr. Noel Arrigo quddiem l-ewwel Qorti (fol. 65):
"49. The Court recalls that the presumption of innocence enshrined in Article 6 § 2 of the Convention is one of the elements of a fair criminal trial guaranteed by Article 6 § 1. It will be violated if a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved so according to law. It suffices, even in the absence of a formal finding, that there is some reasoning to suggest that the official regards the accused as guilty. Moreover, the presumption of innocence may be infringed not only by a judge or court but also by other public authorities (*Daktaras v. Lithuania* …). In the above mentioned *Daktaras* case the Court emphasised the importance of the choice of words by public officials in their statements before a person has been tried and found guilty of an offence. Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made.

"50. … The Court acknowledges that the fact that the applicant was an important political figure at the time of the alleged offence required the highest State officials … to keep the public informed of the alleged offence and the ensuing criminal proceedings. However, it cannot agree with the Government's argument that this circumstance could justify any use of words chosen by the officials in their interviews with the press. (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi, fid-dawl ta' dawn il-principji, illi dina l-Qorti tabbraccja, irid issa jigi ezaminat jekk mill-kliem illi ghazel illi juza l-Onorevoli Prim Ministru waqt il-konferenza stampa in kwistjoni, fil-kuntest tac-cirkostanzi illi fihom intqalu, jirrizultax illi *there is some reasoning to suggest* illi l-Onorevoli Prim Ministru kien qed jikkonsidra lill-appellanti hatja ta' xi reat illi eventwalment gew akkuzat bih;

Minn ezami tas-sentenza appellata - senjatament minn pagna hmistax (15) taghha - jirrizulta illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi minn dak illi ntqal fil-konferenza stampa in kwistjoni ma jirrizultax illi giet imxellfa l-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-appellanti ghaliex, fil-kliem testwali tas-sentenza, "… l-kliem in kwestjoni ma jistax jinghad li jimplika <u>kategorikament u b'mod car</u> li l-imputati huma hatjin" (sottlinear ta' dina l-Qorti). Dan il-kliem illi ghadu kemm gie sottolineat juri bic-car illi l-ewwel Qorti ippretendiet illi sabiex tixxellef il-prezunzjoni ta' l-innocenza dak illi jrid jirrizulta huwa mhux "*some reasoning to suggest …*" izda illi l-kliem lamentat ikun jammonta ghal dikjarazzjoni kategorika ta' htija. Jirrizulta car ukoll, ghalhekk, illi huwa validu l-aggravju ta' l-appellanti illi l-ewwel Qorti interpretat b'mod impreciz wiehed mill-principji enuncjati fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, senjatament fis-sentenza *Butkevicius v. Lithuania*;

Tajjeb illi jigu issa riprodotti l-kliem illi qal l-Onorevoli Prim Ministru waqt l-imsemmija konferenza stampa u illi huma l-aktar lamentati mill-appellanti. Dawn il-kliem (Dok. KS2, fol. 20) huma:
"Granet qabel is-sentenza ta' l-Appell, sar maghruf, li kienu qeghdin isiru kuntatti ghan-nom ta' l-akkuzat [Mario Camilleri], ma' l-Imhallef Patrick Vella, u mal-Prim Imhallef Noel Arrigo, biex il-kundanna ta' habs titnaqqas b'erba snin … u li dawn iz-zewg Imhallfin gew imweghda somma ta' flus, ta' eluf ta' flus, kull wiehed";

“Il-Pulizija, fuq informazzjoni li kellha qabel is-sentenza, kompliet issegwi dak li gara wara s-sentenza, u rrizultalha li kienu thallsu flus liz-zewg Imhallfin imsemmija”;

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, bl-uzu tal-kliem “sar maghruf” u “rrizultalha”, l-Onorevoli Prim Ministru, waqt illi kien qed jaqdi d-dover illi jinforma lill-pubbliku b’dak illi kien qed jigri, ma uzax *all the discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected*. Tajjeb illi jinghad illi l-appellanti gustament jirrimarkaw illi hawnhekk *non si tratta* ta’ allegazzjoni illi l-fatti hawn fuq elenkati sehhew, izda ta’ dikjarazzjoni cara illi dawn il-fatti sehhew.

Minn dan il-kliem jirrizulta minghajr ebda dubbju illi oggettivament *there is some reasoning to suggest*, lill-pubbliku in generali, illi l-Onorevoli Prim Ministru kien qed jikkonsidra lill-appellanti hatja ta’ l-ewwel reat illi bih huma gew akkuzati fil-proceduri kriminali illi fihom saret ir-referenza in kwestjoni;

F’dan ir-rigward, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi ma tikkonsidrax valida s-sottomissjoni maghmula oralment quddiemha waqt l-udjenza tat-tmienja (8) ta’ Mejju, 2003 mill-abili difensur ta’ l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija fit-termini segwenti:
“Sakemm wiehed jillimita ruhu semplicement ghall-fatti minghajr ma ghamel kwalifika legali tal-fatti, bir-rispett kollu, ma hemm ebda kwistjoni ta’ ksur tal-prezunzjoni tal-innocenza.”

Infatti, fil-parti già citata tas-sentenza *Butkevicius v. Lithuania* gie ritenut illi “*even in the absence of any formal finding*” (sottolinear ta’ dina l-Qorti) ikun hemm vjolazzjoni tal-prezunzjoni ta’ l-innocenza purkè jirrizulta illi minhabba l-kliem lamentat “*there is some reasoning to suggest that the official regards the accused as guilty*”;

Fir-realtà, fil-kaz odjern, bhal fil-kaz *Butkevicius v. Lithuania*, anke soggettivament jirrizulta illi hemm dan is-“*some reasoning to suggest …*”. Dan jirrizulta mis-segwenti siltiet mill-artikoli esibiti. F’dan ir-rigward, dina l-

Qorti trid taghmilha cara illi, ghalkemm hija ezaminat l-artikoli kollha esibiti, hija sejra ticcita biss minn dawk fosthom illi minnhom jirrizulta car illi qed issir referenza ghal x'intqal mill-Onorevoli Prim Ministru waqt il-konferenza stampa in kwestjoni. Is-siltiet huma s-segwenti:

(1) Dok. NA6, "The Times", harga tat-3 ta' Awissu, 2002

"Dr. Borg Barthet was also asked whether Dr. Fenech Adami was correct to effectively incriminate the two judges prior to a potential trial by saying that they had accepted the money in return for leniency" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

[Tajjeb illi jigi rilevat illi dan gie pubblikat jumejn wara illi saret il-konferenza stampa u, ghalhekk, inkiteb mhux izjed tard minn gurnata wahda biss wara l-istess konferenza stampa]

(2) Dok. NA1, "The Malta Independent", 8 ta' Awiisu, 2002

"… a dramatic prime ministerial conference that as good as damns them …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

(3) Dok. NA5, "Malta today", 11 ta' Awissu, 2002, editorjal

"The Prime Minister was unusually forthright clearly conveying his conviction that the judges were guilty;

"…

"His [tal-Prim Ministru] words implied that he was certain of their guilt, and he added in unequivocal terms, that the judges had received 'substantial' amounts of money that led to them tainting their judgment in a case involving drugs" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dawn is-siltiet jikkostitwixxu prova ukoll illi r-"riservi" jew "riserva" illi ssemmi, u tant tatihom importanza, l-ewwel Qorti, jigifieri l-appell tal-Onorevoli Prim Ministru "… lill-pubbliku sabiex jistenna r-rizultati tal-investigazzjonijiet skond il-ligi …", ma tantx kellhom effett, tant illi, fi kliem l-

ahhar parti tal-paragrafu 53 tas-sentenza *Butkevicius v. Lithuania*, il-kliem lamentat mill-appellanti "served to encourage the public to believe him [fil-kaz odjern "them", jigifieri l-appellanti] guilty …";

Ikkunsidrat:

Illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, mill-assjem tal-konsiderazzjonijiet illi hija ghamlet sa issa, già hemm ragunijiet bizzejjed sabiex jigi dikjarat illi gie lez id-dritt taghhom tal-prezunzjoni ta' l-innocenza garantit bl-Artikoli 39(5) tal-Kostituzzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea minghajr ma jigi konsidrat l-aggravju 2(iv) ta' l-appellant Dr. Noel Arrigo illi permezz tieghu huwa qieghed jelenka certi cirkostanzi tal-kaz illi fil-fehma tieghu "… jaggravaw … l-effett nefast ta' l-istess dikjarazzjonijiet [tal-Prim Ministru]" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Ikkunsidrat:

Illi fadal biss illi jigi konsidrat l-ilment ta' l-appellanti dwar il-ksur fil-konfront taghhom ta' l-Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea imhabba illi huma ma jistax ikollhom "smiegh xieraq", liema ilment dina l-Qorti già qalet aktar 'l fuq illi sejra tikkonsidra wara illi tkun ikkonsidrat l-aggravji rigwardanti d-dritt fundamentali tal-prezunzjoni ta' l-innocenza;

Illi, ladarba dina l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi gie lez id-dritt fundamentali ta' l-appellanti ghall-prezunjoni ta' l-innocenza taghhom garantit mill-Artikoli 39(5) tal-Kostituzzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea, u in vista tal-principju stabbilit illi "… *the presumption of innocence enshrined in Article 6(2) of the Convention is one of the elements of a fair criminal trial guaranteed by Article 6(1)*", isegwi necessarajament illi gie lez ukoll id-dritt fundamentali ta' l-appellanti ghal "smiegh xieraq" garantit bl-Artikoli 39(1) tal-Kostituzzjoni u 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

Ikkunsidrat:

Illi, apparti konsiderazzjonijiet ohra, ladarba gie deciz illi ma giex lez id-dritt fundamentali ta' l-appellanti illi l-kaz taghhom jigi mismugh "minn qorti indipendenti u mparzjali", mhux il-kaz illi jigi ordnat illi jitwaqqfu l-proceduri kriminali in kwestjoni inizjati kontra l-istess appellanti;

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dak illi, fic-cirkostanzi ta' dan il-kas, ghandu jsir sabiex jigi provvdut rimedju ghall-lezjoni hawn fuq imsemmija tad-drittijiet fundamentali ta' l-appellanti, kif ukoll bl-iskop illi s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodici Kriminali jigu skrupolozament osservati u applikati, huwa illi dan il-gudikat jingieb a konjizjoni ta' dik il-Qorti illi eventwalment tigi msejha sabiex tiddetermina l-proceduri kriminali inizjati kontra l-istess appellanti;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appelli interposti billi tirrevoka s-sentenza appellata, b'eccezzjoni tal-kap ta' l-ispejjez, illi ghandu jibqa' kif inhu, u billi tiddikjara illi gie lez id-dritt fundamentali ta' l-appellanti ghal smiegh xieraq garantit mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u illi gie lez id-dritt fundamentali ta' l-appellanti garantit mill-Artikolu 39(5) ta' l-istess Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6(2) ta' l-istess Konvenzjoni Ewropea;

Tordna illi a kura tar-Registratur titqieghed kopja ta' dan il-gudikat fl-atti tal-process kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Dr. Noel Arrigo LL.D. et" illi fih saret ir-referenza kostituzzjonali odjerna;

Tordna illi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha ta' din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------